

P6_TA(2009)0202

L-edukazzjoni tat-tfal tal-migranti

Riïoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' April 2009 dwar l-edukazzjoni tat-tfal tal-migranti (2008/2328(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 149 u 150 tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2008 bl-isem 'Migrazzjoni u mobilità: l-isfidi għas-sistemi ta' edukazzjoni tal-UE' (COM(2008)0423),
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 77/486/KEE tal-25 ta' Lulju 1977 dwar l-edukazzjoni tat-tfal ta' ħaddiema migranti¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità²,
- wara li kkunsidra l-Konkluijonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Liibona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000,
- wara li kkunsidra l-Konkluijonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008,
- wara li kkunsidra r-riïoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar l-integrazzjoni ta' immigranti fl-Ewropa permezz tal-iskejjel u l-edukazzjoni multilingwali³,
- wara li kkunsidra r-riïoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-effiċjenza u l-ugwaljanza f' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej⁴,
- wara li kkunsidra r-riïoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2008 dwar taħlim għall-adulti: qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem⁵,
- wara li kkunsidra r-riïoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Settembru 2008 dwar it-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni tal-ghalliema⁶,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Frar 2009 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni - Migrazzjoni u mobilità:l-isfidi għas-sistemi ta' edukazzjoni tal-UE,

¹ ĠU L 199, 6.8.1977, p. 32

² ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

³ ĠU C 233 E, 28.9.2006, p. 121.

⁴ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 300.

⁵ ĠU C 41 E, 19.2.2009, p. 46.

⁶ Testi Adottati, P6_TA(2008)0422.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0125/2009),
- A. billi l-Kunsill Ewropew tat-13 u l-14 ta' Marzu 2008 stieden lill-Istati Membri biex itejbu r-riżultati ta' studenti li ġejjin minn familji migranti,
 - B. billi s-Sena Ewropea tad-Djalogu Interkulturali 2008 pprovdiet l-okkażjoni biex jitnieda d-dibattitu dwar l-isfidi u l-opportunitajiet għas-sistemi edukattivi tal-UE,
 - C. billi l-migrazzjoni ġewwa l-Unjoni u l-immigrazzjoni fl-Unjoni idiedu tul l-aħħar għexieren ta' snin, b'mod li biddlet f'ħafna postijiet il-kompożizzjoni tal-iskejjel,
 - D. billi d-differenzi kulturali spiss ifixklu l-komprensjoni u d-djalogu bejn l-istudenti u bejn l-istudenti u l-għalliema,
 - E. billi jejistu provi ċari li r-riżultati edukattivi tat-tfal migranti huma kunsiderevolment iktar baxxi minn dawk ta' tfal mhux migranti; u billi numru kbir ta' tfal fl-iskejjel li ġejjin minn familji migranti jinsabu f'sitwazzjoni soċjoekonomika prekarja,
 - F. billi l-fatt li t-talenti tat-tfal migranti ta' spiss ma jiġux skoperti u jibqgħu ma jintuawx iwassal għal iġvantaġġi soċjali, kulturali u ekonomiċi għas-soċjetà kollha kemm hi,
 - G. billi l-edukazzjoni fl-iskola sa ċertu età hija dritt baġiku u kif ukoll obbligu tat-tfal, irrISPETTIVAMENT mill-kuntest li ġejjin minnu, kif inhu stabbilit fl-Artikolu 14 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u tirrikjedi wkoll l-osservanza tal-liġijiet nazzjonali dwar l-edukazzjoni,
 - H. billi l-kontenut u l-organizzazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ huma kompetenzi nazzjonali u billi huwa fil-livell nazzjonali u reġjonali li jeħtieġ li l-istrateġiji jiġu definiti u implimentati,
 - I. billi l-migrazzjoni tista' tarrikkixxi lill-iskejjel kulturalment u edukattivament, imma tista', fin-nuqqas ta' miżuri xierqa ta' akkumpanjament, twassal għal diverġenzi gravi,
 - J. billi l-Istati Membri għandhom jirrifurmaw is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ nazzjonali tagħhom; billi jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiivilupaw l-istrumenti tal-politika meħtieġa biex jiġu ġestiti l-konsegwenzi tal-migrazzjoni,
 - K. billi d-diversità li qed tiċdid fil-popolazzjoni tal-iskejjel, li ġejja mi-ġieda fil-migrazzjoni, hija sfida għall-professjoni tal-għalliema, li ma jirċevux taħriġ dwar kif jitrattaw b'mod adegwat din il-forma ġdida ta' diversità fil-klassijiet,
 1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Green Paper imsemmija hawn fuq tat-3 ta' Lulju 2008;
 2. Jemmen li l-Kummissjoni għandha raġun tindirizza l-konsegwenzi, għas-sistemi edukattivi tal-Istati Membri, mhux biss tal-migrazzjoni ġewwa l-Unjoni iċda wkoll tal-immigrazzjoni lejha;
 3. Jenfasizza li l-ħaddiema fl-Unjoni jistgħu jkunu inqas lesti li jaħdmu barra minn pajjiġhom jekk ikun hemm riskju li t-tfal tagħhom ibatu edukattivament, u li edukazzjoni sodisfaċenti għat-tfal migranti hija relatata mal-libertà tal-moviment tal-ħaddiema;

4. Huwa tal-fehma li huma meħtieġa sforzi akbar fil-livell tal-UE peress li l-Istati Membri kollha qed jaffaċċjaw sfidi simili f'dan ir-rigward; ifakkar li l-perċentwali tat-tfal migranti fl-iskejjel x'aktarx li tiċdid fil-ġejjieni;
5. Ifakkar li t-twaqqif ta' ċentri ta' appoġġ integrati għall-immigranti legali huwa ta' importanza kbira peress li jippermettu lill-immigranti jindirizzaw b'mod effettiv l-ostakoli kollha għall-integrazzjoni (perejempju kwistjonijiet relatati max-xogħol, l-edukazzjoni, is-saħħa, eċċ.) bl-għajnuna ta' professjonist;
6. Jinkoraġġixxi l-iġvilupp fl-Istati Membri ta' mudell ta' sħubija bejn l-iskejjel u l-komunitajiet li jagħmilha possibbli għat-tfal ta' ġenituri li jaħdmu barra mill-pajjiġi li jibbenefikaw minn programmi ta' assistenza, appoġġ u pariri mill-komunità;
7. Jinsisti li t-tfal u l-adulti migranti għandu jkollhom l-opportunità li jitgħallmu l-lingwi tal-pajjiġi ospitanti, u għandhom ikunu lesti li jieħdu din l-opportunità, jekk għandhom jintegraw fih b'mod sħiħ;
8. Jistieden lill-gvernijiet tal-Istati Membri biex jiġuraw edukazzjoni għat-tfal tal-migranti legali, inkluż it-tagħlim tal-lingwi uffiċjali tal-pajjiġi ospitanti u l-promozzjoni tal-lingwi u l-kulturi nattivi tagħhom;
9. Jemmen li hija ħaġa essenzjali li l-ġenituri, u speċjalment l-ommijiet, tat-tfal migranti għandhom ikunu involuti fil-programmi ta' tagħlim tal-lingwi uffiċjali tal-pajjiġi ospitanti, biex jiġuraw li t-tfal ma jiġux separati mis-soċjetà u jgħinuhom jintegraw fl-iskola;
10. Jemmen li l-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-multilingwiżmu għandu jkun parti minn kull kurrikulum skolastiku; jinsisti li t-tagħlim tal-lingwi għandu jiġi mħeġġeġ mill-eżerċizzju ta' qabel l-iskola biex tiġi promossa l-inklużjoni tal-migranti; jemmen, madankollu, li l-post mogħti lit-tagħlim tal-lingwa materna fil-kurrikulu u l-organizzazzjoni ta' dan għandhom jitħallew speċifikament f'idejn l-Istati Membri;
11. Jitlob li jiġu affrontati d-difficultajiet li jiltaqgħu magħhom it-tfal li jakkumpanjaw lill-ġenituri tagħhom meta dawn imorru fi Stat Membru ieħor fuq xogħol biex jirreġistraw fi skola f'livell li jikkorrispondi ma' dak li kienu qed jistudjaw fih fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom;
12. Jinsisti dwar l-importanza li l-familji u l-membri l-oħra tal-komunità lokali jkunu involuti b'mod dirett peress li l-integrazzjoni soċjali hija r-responsabilità tas-soċjetà kollha mhux biss tal-iskejjel; jenfasizza l-fatt li l-korpi li jagħtu pariri soċjali lill-immigranti għandhom jiġu inkoraġġuti jikkoperaw biex tingħata informazzjoni aħjar dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-kuntest tas-suq tax-xogħol tal-pajjiġi ospitanti;
13. Jirrikonoxxi li s-soċjetà ċivili għandha rwol importanti fl-appoġġ li jingħata lill-migranti u li, b'mod parallel mas-sistema edukattiva uffiċjali, din tista' tagħti kontribut vitali f'oqsma bħat-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiġi ospitanti;
14. Jenfasizza l-bionn li jiġu integrati l-migranti u l-kategoriji soċjali bħar-Roma, fis-soċjetà; jenfasizza li l-integrazzjoni trid tkun ibbaġjata fuq il-prinċipji tal-opportunitajiet indaqs fl-edukazzjoni, b'mod li jiġi iġurat aċċess ugħali għal edukazzjoni ta' kwalità; jirrifjuta kwalunkwe soluzzjonijiet - sew temporanji u kif ukoll permanenti - li huma bbaġjati fuq segregazzjoni u edukazzjoni fqira, jew li jwasslu għalihom;

15. Jenfasizza l-importanza li jiġu iġviluppata l-kompetenzi ta' komunikazzjoni interkulturali tat-tfal, kemm migranti kif ukoll tal-pajjiżi ospitanti, u jemmen li l-abilità li wieħed jikkomunika l-kultura tiegħu stess u li jifhem il-kultura u l-valuri tal-oħrajn tikkostitwixxi element ċentrali tal-kompetenza prinċipali: 'kuxjenza u espressjoni kulturali';
16. Jissuġġerixxi li jingħata iktar appoġġ finanzjarju u amministrattiv lill-migranti legali għall-korsijiet tal-lingwi, u li dan jingħata minn persunal imħarreġ li jifhem ukoll il-lingwa ta' art twelid il-migranti;
17. Jinsisti dwar l-importanza li t-tfal migranti jitgħallmu l-lingwa materna tagħhom u l-lingwi tal-pajjiż tar-residenza tagħhom kif ukoll li jitgħallmu jaqraw u jiktbu mill-età ta' qabel l-iskola;
18. Jirrikonoxxi l-importanza li fil-kurrikulu tal-iskola jiddaħħlu lezzjonijiet mogħtija lill-migranti bil-lingwa nativa tagħhom sabiex ikun iġurat li l-wirt kulturali tagħhom ikun preservat;
19. Jenfasizza l-importanza tal-isport fl-edukazzjoni u fit-taħriġ u l-irwol importanti tiegħu fl-integrazzjoni u l-inklużjoni soċjali ta' dawk li ġejjin minn kuntesti inqas privileġġati; jirrakkomanda li l-politika soċjali tal-Istati Membri tqis b'mod sħiħ l-irwol ta' integrazzjoni importanti tal-isport għall-popolazzjonijiet migranti;
20. Jenfasizza l-bionn li l-migranti iġħaiaġh jiġu involuti f'sensiela wiesgħa ta' attivitajiet ekstrakurrikulari, peress li dan hu mezz eċċellenti ta' integrazzjoni soċjali;
21. Jenfasizza li aktar ma t-tfal u i-ġħaiaġh migranti jkunu integrati kmieni fl-iskejjel, iktar imorru tajjeb l-iskola, fl-edukazzjoni ulterjuri u fis-suq tax-xogħol; jemmen bil-qawwi li l-edukazzjoni bikrija qabel il-primarja ssaħħaħ b'mod konsiderevoli dawn il-prospetti u għalhekk jitlob lill-Istati Membri biex isaħħu l-parteċipazzjoni tal-migranti fl-edukazzjoni ta' qabel il-primarja;
22. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jevitaw li joħolqu skejjel qishom ghetto jew klassijiet speċjali għat-tfal migranti, u li jippromwovu politika ta' edukazzjoni inklużiva li biha t-tfal jintbagħtu fi klassijiet fuq il-baħi tal-livell edukattiv u tal-bionnijiet individwali;
23. Jikkunsidra li fl-iskejjel fejn imorru t-tfal migranti l-kurrikulu għandu jagħti ħafna iktar kas tal-bionnijiet tagħhom, u li l-għalliema għandhom jitħarrġu fil-kompetenzi interkulturali sabiex dawn ikunu jistgħu jittrattaw bl-iktar mod effettiv possibbli d-diversità fl-iskola;
24. Jinsisti li l-edukazzjoni tal-adulti għall-migranti tista' tippromwovi l-integrazzjoni kemm tal-migranti adulti u kif ukoll tat-tfal tagħhom u jisħaq għalhekk fuq il-bionn li jiġi iġviluppata bil-qawwi t-tagħlim tul il-ħajja għall-ġenituri migranti;
25. Hu mħasseb dwar il-livell għoli ta' tluq bikri mill-iskola fost it-tfal migranti u jemmen li għandhom isiru sforzi biex ikun iġurat li t-tfal migranti jispiċċaw il-korsijiet;
26. Jenfasizza li sistema edukattiva ta' kwalità għolja trid tkun miftuħa għal kulħadd;
27. Huwa konvint li l-miġuri biex tittejjeb l-edukazzjoni tat-tfal migranti għandhom benefiċċji għas-soċjetà kollha kemm hi;

28. Jemmen li l-edukazzjoni tal-għalliema għandha tkun interdixxiplinari u għandha tippreparahom biex juaw metodi bbaati fuq id-diversita, u fuq l-edukazzjoni multikulturali u multilingwi;
29. Hu favur l-iskemi ta' mobilita li permezz tagħhom jitqabbdu għalliema mill-pajjii tal-oriġini biex jiġi ffaċilitat il-kuntatt tat-tfal migranti mal-kultura u c-ċivilizzazzjoni tal-pajjii tal-oriġini tagħhom;
30. Jisħaq li l-kwalita tal-edukazzjoni tal-għalliema għandha tkun iffokata fuq il-missjonijiet tal-għalliema;
31. Jenfasizza f'dan il-kuntest partikolari l-importanza tal-mobilita tal-għalliema bħala parti integrali mill-programmi edukattivi tal-għalliema; jikkunsidra li l-għalliema għandu jkollhom l-opportunita li jqattgħu semestru wieħed jew tnejn f'universitajiet ospitanti barra pajjihom;
32. Jemmen li l-iskejjel għandhom bionn għalliema immigranti għax dawn joffru esperjenza importanti lill-kollegi tagħhom, jirrappreientaw is-suċċess tal-integrazzjoni soċjali u jistgħu jservu ta' mudelli għat-tfal li jkunu f'diffikulta;
33. Jenfasizza l-importanza ta' taħriġ speċjali għall-għalliema li jindirizza b'mod ċar is-sitwazzjoni speċjali tat-tfal tal-migranti, il-ħtieġa li jiġu integrati b'mod li jirnexxi fis-sistemi tradizzjonali tal-edukazzjoni fl-iskejjel, u l-ħtieġa li jittejbu r-riultati edukattivi tagħhom;
34. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm servizzi ta' counselling li jgħinu lit-tfal u lii-ighaigh migranti jittrattaw ix-xokk kulturali u jadattaw irwieħhom għas-soċjeta ospitanti;
35. Jipproponi li l-Istati Membri individwali jivviluppaw programmi edukattivi mmirati biex itejbu l-għarfien tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, bl-enfasi fuq l-ugwaljanza, l-inklujjoni u l-liberta personali, sabiex ikunu evitati l-ksenofobija u s-segregazzjoni li jistgħu jidhru inevitabli fir-rigward tal-migranti u li jistgħu jinxterdu b'veloċita allarmanti;
36. Jinsisti li l-persuni migranti u mhux migranti kollha għandu jkollhom l-istess trattament ugwali; jemmen li l-istituzzjonijiet skolastiċi u l-għalliema individwali għandhom jikkunsidra d-diversita bħala sitwazzjoni normali, jittrattaw kull individwu b'rispett, u jagħtu lill-migranti l-appoġġ li jeħtieġu;
37. Japprezza l-kontribut tal-edukazzjoni mhux formali sabiex il-migranti ighaigh jingħataw kompetenzi ta' valor li huma kumplimentari għal dawk li jinkisbu fl-iskola u jitlob lill-iskejjel biex jikkoperaw b'mod iktar intensiv ma' min jipprovdi edukazzjoni mhux formali bħall-organizzazzjonijiet ta-ighaigh;
38. Itenni li d-diskriminazzjoni minħabba r-razza jew l-etniċita fil-qasam tal-edukazzjoni hija pprojbita mid-Direttiva 2000/43/KE, u jitlob li d-diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni, inklui n-nazzjonalita u l-istatus tar-residenza, tkun illegali fil-qasam tal-edukazzjoni;
39. Jirrikonoxxi li d-dispoizzjonijiet attwali tad-Direttiva 77/486/KEE ma jikkorrispondux mar-realta soċjali l-ġdida tal-Unjoni; jappoġġja b'mod qawwi l-proċess ta' konsultazzjoni

mniedi mill-Kummissjoni;

40. Jenfasizza l-fatt li d-diversità fl-iskejjel għandha tkun promossa u li għandhom jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lill-gruppi migranti l-iktar vulnerabbli, inkluwi bniet migranti;
41. Jemmen li d-Direttiva 77/486/KEE għandha tiġi emendata u għandha tkopri l-
edukazzjoni ta' tfal li huma ċittadini ta' stati mhux membri jew tfal li l-ġenituri tagħhom
ma jkunux ċittadini tal-Istati Membri;
42. Jenfasizza l-importanza tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE li tiggarrantixxi d-drittijiet
edukattivi tal-istudenti minn pajjiżi terzi, bħad-Direttivi 2004/38/KE tal-parlament
ewropew u tal-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet ta' ċittadini ta' l-Unjoni u
tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-
Istati Membri¹ u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-
istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul²; jistieden lill-Kummissjoni
biex twettaq immoniterjar kontinwu tal-miżuri kollha meħuda fl-Istati Membri li
għandhom tentenza li jnaqqsu jew ineħħu d-drittijiet miksuba;
43. Jitlob li l-iskejjel bi proporzjon għoli ta' tfal immigranti jkollhom il-persunal u l-
faċilitajiet meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi ta' klassijiet eteroġeniċi u jkunu jistgħu
jipprovdu taġlim tajjeb; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iniedu djalogu fost l-
Istati Membri fil-qafas tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni biex jiskambjaw l-aħjar
prattiki u jiivilupaw aġenda komuni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-edukazzjoni tal-
immigranti;
44. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment dwar il-progress li jsir fl-
integrazzjoni tat-tfal migranti fis-sistema skolastika tal-Istati Membri;
45. Jikkunsidra li l-bliet il-kbar għandhom jingħataw u għandhom jużaw il-libertà li
jikkordinaw il-politika mfassla biex tippromwovi l-integrazzjoni tat-tfal migranti ma'
politiki u strateġiji dwar l-akkomodazzjoni, il-kura tat-tfal, is-suq tax-xogħol, is-saħħa u
l-benessri, oqsmha li kollha għandhom impatt muri fuq ir-riżultati akkademiċi tat-tfal
migranti u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà b'suċċess;
46. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,
lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, u
lill-gvernijiet u parlamenti tal-Istati Membri.

¹ ĠU L 158, 30.4.2004, p.77.

² ĠU L 16, 23.1.2004, p.44.